Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

## MINUTI TAT- TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 2 ta' Ottubru 2013

**Ħin:** Mill-9.00am sat-11.00am

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

### 1. Approvazzjoni tal-Minuti tat-Disa' u Għoxrin laqgħa tas-Seba' Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Disa' u Għoxrin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 11 ta' Settembru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsill approva.Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

### 2. Mill-Minuti

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt l-ġdid tal-Knis tat-toroq ma setax jibda' mill-ewwel ta' Ottubru għaliex il-Board ta' Evalwazzjoni kienu għadu għaddej bil-proċess tiegħu biex b'hekk jiżgura li jingħata lill-aħjar individwu għal-ġid tal-lokalita. Għalhekk ġie deċiz li l-kuntratt eżistenti jitwal sa' l-aħħar ta' Ottubru biex b'hekk fl-1 ta' Novembru jibda' l-kuntratt il-ġdid.

Is- Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ħarġu l-kwotazzjonijiet għal *live streaming* kif ukoll ta' *cold asphalt* fi boroz ta' 25kg għat-toroq. Il-Kwotazzjonijiet jagħlqu sa' l-24 ta' Otturbru 2013.

### 3. Proġett ERDF 205

Is- Sindku bħala Project Leader ta' l-aħħar dettalji fuq il-progett tat-tisbieħ tal-Pjazza parti ffinanzjat mill-EU fejn l-akbar żewġ problemi li kellna fit-twettiq ta' dan il-proġett kienu ż-żewġ mainijiet u tlett mainjiet distributorji eżistenti fil-pjazza. Dawn issa tlestew mingħajr ħafna tfixkil kemm għax ippermetta t- temp

kif ukoll bill-kollaborazzjoni tas- Servizzi ta’ L-Ilma li taw l-għajnuna tagħhom neċessarja. L-istess jista’ jingħad għal- pavimentar fejn s’issa ma jidhirx li kien hemm problemi u dan ix-xogħol jitlesta.

Is-Sindku tkellem fuq s-surplus li ser jibqa’ biex t-talba tagħna lill-PPCD għar-restawr tax-xelter u z-zuntier tal-Knisja tkun tista’ tintlaqa’. L-ammont ta’ surplus ser ikun bejn wieħed u ieħor ikun ta’ € 67,000. Għadna qed nistennew risposta ta’ din t-talba.

Is- Segretarju sadanittant kiteb lil dawk kollha konċernati li l-post tagħhom għandu valur storiku biex jingħata permess biex jitwaħħlu l-*locality signs* mal-faċċata tal-propjeta’. Is- Sindku informa ukoll li l-*locality map* ser titwaħħal il-ġimgħa d-dieħla.

Is- Sindku tkellem ukoll fuq l-inawgurazzjoni tal-proġett fejn bħala tentattiv kien qed jissuġerixxi t-tieni gimgħa ta’ Novembru. Pero għad irid jara’ kif din tista’ ssir minħabba loġistika.

## 4. Korrispondenza

Ittra Nru. 3231: Talba mingħand il-Kappillan biex it-tabella li hemm quddiem il-Kappella titressaq min hemm. Il-Kunsill approva.

Ittra Nru 3228: Ittra mingħand Transport Malta fejn permess biex Triq Antonio Bosio issir one-way ġie approvat. Dan Il-permess huwa għal-prova ta’ xahar fejn wara dan iż-żmien trid tittieħed deċiżjoni jekk tibqax permanenti.

Ittra Nru 3224: Estratt numru 465/13 minn Times of Malta li jikkonċerna lill-Kunsill. Il-Kunsill talab biex is-Segretarju jikteb lura lill-Editur bħala *right of reply* għal dak li ġie allegat.

Ittra Nru 3220: Email mingħand Transport Malta rigward is-sistema ta’ One ways fi Triq San Gabriel u t-toroq li jmissu magħha fejn qed jitolbu li huma lesti li jagħmlu konsultazzjoni pubblika mar-residenti ta’ dawk l-inħawi u tingħata aktar informazzjoni. Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jikteb lil-dawk kollha li kienu wrew interess f’dan ir-rigward biex jattendu għal din il-laqgħa.

Ittra Nru 3212: Memo 22/2013-Elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ġiet notata.

Ittra Nru. 3178: Memo 21/2013- Linji Gwida dwar tlefon ċellulari tal-Kunsilli Lokali ġiet notata.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 5. Rapport dwar l-Ilmenti

Ilment Nru. 17013067198606: Residenta tiġbed l-attenzjoni li hemm bżonn li l-bollard li saret fi Triq Iz-Zekkuk, terġa’ ssir b’tali mod li tkun tista’ tinqala. Dan sabiex resident li jżomm dagħjsa f’għalqa ikun jista’ joħroġa. Il-Kunsill aprrova pero’ għandħa titwaħħal tabella tat-towing li karozzi ma jistawx jipparkjaw fis-sqaq.

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta’ kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 7. Komunikazzjoni tas- Sindku

Is- Sindku informa lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa mar-Rettur ta’ San Alwiġi ( li qabel kienet Stella Maris School) fuq il-problema ta’ kongestjoni tat-traffiku meta l-ġenituri jwasslu lill-uliedhom sa’ quddiem il-bieb ta’ l-iskola.

Is- Sindku tkellem fuq il ko-finanzjament ta' Progetti mill-Gvern Ċentrali lill-Kunsilli Lokali fejn fir-rigward tax-xogħlijiet fil-Pjazza parti ffinanzjat mill-EU għad- baqalu jieħu s-somma ta' € 21636. Huwa tkellem fl-isfond tal-problema ta' dan il-fond monetarju li għadu ma ġiex approvat u li l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rrimarkat fuqu. Huwa qal li jekk dan ma jingħatax wara li jkunu ġew sottomessi il-kontijiet kollha jista' jkollu effett ħażin fuq proġetti futuri mill-Kunsill lokali ta' Ħal Balzan.

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas u ħlas ta' Petty Cash

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-2 ta' Ottubru 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,859,70.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is- Sur Desmond Zammit Marmara' informa lill-Kunsill rigward il-press conference li ser issir nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru fin-12.30pm

Is-Sur Desmond Zammit Marmara informa lill-Kunsill li ser joħroġ newsletter oħra tal-Kunsill fix-xahar ta' Diċembru.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill fuq il-fdalijiet taz-zuntier imkisser li hemm ħdejn il-Każin ta' San Gabriel biex jitneħħa minn hemm. Il-Viċi Sindku qal li l-Kappillan kien qallu li għalissa joqgħod daqxejn hemm forsi insalvaw xi ħaġa minnu biex jerġa jintuża.

Is- Sur Desmond Zammit Marmara'tkellem fuq dak li qed isir fil-*playground* ta'Ħal Balzan kull filagħaxija fejn sar mezz ta' burdell. Is- Sindku wieġeb li bħala Kunsill tlabna l-intervent tal-Pulizija aktar u aktar meta l-għassa għeda ftit metri l-bogħod mill-*playground*.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Ħamis, 24 ta' Ottubru 2013 fid-5pm.

| | |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data